**26 ta' Settembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Doris mart Emanuel Spiteri

*versus*

Il-Kummissarju tal-Pulizija

## Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Protezzjoni minn Diskriminazzjoni – Digriet – Mandat Kawtelatorju – Inibizzjoni – Appell minn – Forma ta' – Nullità ta'

*Ir-rikorrenti allegaw fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ordni mogħti mill-intimat biex dawn jagħlqu kjosk minnhom ġestit kien diskriminatorju fil-konfront tagħhom u lesiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ir-rikorrenti talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, kif ukoll rimedju għal-lesjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'digriet tagħha laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u ordnat li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi. L-intimat appella; il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell irritu u null.*

*Id-deċiżjoni tal-Prim'Awla kienet digriet għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, u bħala tali la kienet definittiva u lanqas interlokutorju. Għalhekk tali digriet seta' jiġi biss attakkat permezz ta' ċitazzjoni quddiem l-istess Qorti li tkun ordnat il-ħruġ tal-mandat in kwistjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 1988, li bih Doris mart Emanuel Spiteri, wara li ppremettiet li hija l-proprjetarja ta' *"Emmy's Kiosk"* f'Marina Street, Gżira:

Illi fis-sena 1987 l-esponenti kienet inħarġitilha liċenzja mill-intimat sabiex tkun tista' topera dan il-*"kiosk"* u dan għall-perijodu li skada fil-31 ta' Diċembru 1987 (Dok. A1 u A2, u liema data hi l-ġurnata li fiha normalment jiskadu l-liċenzji kollha maħruġa mill-intimat għas-sena 1987;

Illi l-esponenti talbet lill-intimat biex tħallas il-liċenzja għas-sena 1988 iżda ġiet infurmata illi għalissa ma kinux qed jitħallsu l-liċenzja għall-*"kiosks"* bħal dawn; Illi l-esponenti kienet nefqet eluf kbar ta' liri biex hi tkun tista' tagħmel dan il-*"Kiosk"* u kif ukoll daħlet f'obbligazzjonijiet mal-*Bank of Valletta Limited* in konnessjoni ma' self ta' eluf ta' liri u li l-esponenti qed tħallas lura mid-dħul minn dan il-*"Kiosk"*;

Illi oltre dan, dan il-*"Kiosk"* hu l-uniku mezz ta' għajxien ta' l-esponenti u tal-familja tagħha li tikkonsisti wkoll f'żewġha li hu marid u erbat itfal minorenni;

Illi ftit taż-żmien ilu, l-intimat kien ukoll ordna lill-esponenti biex tneħħi dan il-*"Kiosk"* iżda wara li saru proċeduri quddiem dik l-Onorabbli Qorti, mill-esponenti kien intlaħaq ftehim u li permezz tiegħu l-esponenti kienet tħalliet tibqa' bil-*"Kiosk"* tagħha;

Illi nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju 1988, l-esponenti ġiet infurmata verbalment mill-intimat permezz tas-Supretendent tal-Pulizija Alfred Abela li l-esponenti kellha tneħħi dan il-*"Kiosk"* minn fejn qiegħed u fin-nuqqas dan il-*"Kiosk"* jiġi mneħħi mill-Pulizija bil-forza;

Illi dak inhar stess l-esponenti talbet lill-intimat permezz tas-Supretendent tal-Pulizija Alfred Abela biex din l-ordni

tingħatalha bil-miktub. Din it-talba ta' l-esponenti ġiet rifjutata u reġgħet ġiet imtennija l-ordni li jekk dan il-*"Kiosk"* ma jiġix imneħħi mmedjatament mill-esponenti, dan kien ser jitneħħa bil-forza mill-Pulizija; Illi fil-viċinanza ta' dan il-*"Kiosk"* u fuq l-istess bankina hemm *"Kiosk"* ieħor li għandha l-isem *"Cucina Pulita"* u li hi ta' terzi persuni, u li sa fejn taf l-esponenti dwar dan il-*"kiosk"* ma ġiet mogħtija l-ebda ordni mill-intimat li hi simili għal dik mogħtija lill-esponenti;

Illi kieku l-intimat kellu jesegwixxi d-deċiżjoni tiegħu, l-esponenti titlef l-uniku mezz ta' għajxien tagħha u tal-familja tagħha; Illi dan hu każ fejn l-intimat fl-istess ċirkostanzi qed jaġixxi ma' ċittadini Maltin b'mod differenti;

Illi l-esponenti għandha għax taħseb li din id-diskriminazzjoni fil-konfront tagħha qed issir minħabba li l-esponenti tħaddan fehmiet politiċi li huma differenti minn dawk tal-gvern;

Illi fil-fehma ta' l-esponenti l-ordni ta' l-intimat fil-konfront tagħha qed issir bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif maħsub fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 14 ta' l-Att XIV ta' l-1987;

*Talbet lil dik il-Qorti illi, għar-raġunijiet premessi, tinibixxi* lill-intimat milli jesegwixxi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha, oltre dan li tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettieq tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att. XIV ta' l-1987;

Rat id-ddeċiżjoni *in parte* mogħtija fl-20 ta' Lulju, 1988

mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li biha dik il-Qorti, fil-limiti biss indikati fiha laqgħet it-talba tal-ħruġ tal-mandat ta' l-inibizzjoni, l-ispejjez ta' l-inċident jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali, u ordnat li smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi u dana wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat fit-22 ta' Lulju, 1988, li bih, għar-raġunijiet hemm esposti, talab li din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata u taqta' u tiddeċidi minflok billi:

(1) tillibera lill-appellanti peress li r-rikors promotur ma kienx ritwali peress illi f'att uniku saret talba kemm għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kif ukoll talba għal rimedju peress illi r-rikors promotur ma kellux ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi u

(2) fin-nuqqas taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara illi l-ewwel Qorti ma kellhiex funzjoni u poter illi tippronunzja ruħha qabel id-deċiżjoni fuq ir-rikors magħmul skond l-imsemmi Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u l-Att XIV ta' l-1987 u tagħti rimedju dwaru qabel ma tkun hekk iddeċidiet, u illi inoltre dik l-istess Qorti ma kellhiex il-funzjoni li tallarga l-bażi ta' rikors oltre l-lanzjanzi kontenuti fil-premessi u t-talbiet fih kontenuti u wara li tirrevoka l-ordni minnha mogħti tibgħat l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex tingħata deċiżjoni definittiva fuq il-bażi biss tar-rikors kif ippreżentat u fin-nuqqas;

(3) tiddikjara illi ma kienx hemm bażi evidenzjali sufficjenti għall-konklużjonijiet, lanqas *prima facie,* li waslet

għalihom l-ewwel Qorti u wara li tirrevoka l-ordni mogħti minn din il-Qorti, tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem dik il-Qorti għal deċiżjoni dwarhom, bl-ispejjeż f'kull każ taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' Dorsi mart Emmanuel Spiteri ppreżentata fis-26 ta' Lulju 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

L-appellata Doris mart Emmanuel Spiteri qiegħda tissottometti, in linja preliminari fir-risposta tagħha ta' l-appell, illi "r-rikors ta' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija huwa irritu u null peress li ma kien hemm ebda ordni maħruġa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tat rimedju taħt il-Kap. IV tal-Kostituzzjoni u/jew taħt l-Att XIV ta' l-1987 iżda dak li qed jiġi attakkat permezz ta' dan l-appell huwa l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u liema deċiżjoni skond ġurisprudenza kostanti, anki reċenti, m'hemm l-ebda dritt ta' appell minn digriet bħal dan";

Ikkunsidrat:

Minn eżami tar-rikors promotorju tal-ġudizzju ppreżentat fl-10 ta' Mejju 1988 jidher li l-appellata Spiteri kienet għamlet fih talba dupliċi quddiem l-ewwel Qorti:

(1) li l-Qorti tinibixxi lill-intimat milli jesegwixxi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha u oltre dan;

(2) li l-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettieq tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Minn eżami tal-proċess imbagħad jirriżulta li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 1988 (fol. 42) l-intimat appellant, permezz tad-difensur tiegħu, talab li qabel ma jinġiebu l-provi u jiġi deċiż il-mertu tal-kawża, jinġiebu provi u tiġi deċiża t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u l-ewwel Qorti laqgħet l-imsemmija talba magħmula fl-imsemmija seduta. Fis-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 1988 (fol. 71) il-partijiet iddikjaraw li għall-fini tal-mandat ta' inibizzjoni m'għandhomx aktar provi xi jressqu. Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 1988 (fol. 80) il-partijiet ingħataw żmien biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u l-kawża ġiet differita għat-22 ta' Ġunju 1988 għall-finali trattazzjoni dwar it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Sija r-rikorrenti Spiteri kif ukoll l-intimat appellant fin-nota tagħhom ta' osservazzjonijiet iddikjaraw espressament fl-ewwel paragrafu ta' kull nota (fol. 84 u 112) illi n-nota kienet qiegħda tiġi limitata għall-finijiet tal-ħruġ o meno tal-mandat ta' inibizzjoni. Fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 1988 (fol. 121) saret it-trattazzjoni mid-difensuri tal-kontendenti u l-kawża ġiet differita għad-deċiżjoni għall-20 ta' Lulju 1988. Fil-fatt dik in-nhar ingħatat id-deċiżjoni appellata li biha l-ewwel Qorti, kif ġa ngħad fuq, fil-limiti indikati fl-istess deċiżjoni laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' l-inibizzjoni, irriservat l-ispejjeż ta' l-inċident għall-ġudizzju finali u ordnat li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi. Fil-fatt il-formula tal-mandat ta' inibizzjoni li kienet takkompja r-rikors promotorju

(Dok. 6) ġiet iffirmata mill-ġudikant ta' l-ewwel Qorti fl-20 ta' Lulju, 1988, (dik in-nhar stess ta' l-imsemmija deċiżjoni) u l-mandat numru 736/88VBC ġie notifikat lill-imputat appellant l-għada 21 ta' Lulju, 1988;

Ikkunsidrat:

Minn eżami akkurat ta' l-imsemmija deċiżjoni u anke fid-dawl ta' l-atti l-oħra tal-proċess, b'mod speċjali l-formola tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmija, fejn l-ewwel Qorti, meta ffirmatha, żiedet il-kliem "konformement u limitatament għal dak li hemm fid-digriet tal-lum". Il-Qorti hija sodisfatta li bl-imsemmija deċiżjoni l-ewwel Qorti ddeċidiet l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotorju tal-ġudizzju, ċjoè t-talba tar-*rikorrenti* appellant milli jesegwixxi d-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha. *Fil-fatt f'dik id-deċiżjoni l-ewwel Qorti*, wara *li* kkunsidrat diversi punti ssollevati mill-kontendenti, ikkonkludiet billi qalet espressament: "u f'dawn *il-limiti biss* il-Qorti tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni";

Minn eżami mbagħad tar-rikors studjat li bih l-intimat appella lil din il-Qorti jidher, li l-intimat qiegħed jattakka l-ħruġ ta' *l-imsemmi mandat ta'* inibizzjoni għar-raġunijiet minnu hemm dettaljatamenti esposti u qiegħed jitlob, *inter alia,* ir-revoka tad-deċiżjoni appellata li virtwalment hija limitata għad-dispositiv tagħha preliminari għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;

Issa *kif* ġie *osservat minn din* il-Qorti *reċentement* fil-kawża Darryl Francis Grima *proprio et nomine vs* l-Onorevoli Prim Ministru *et,* 21 ta' Ġunju 1988, hija ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (ara Rikors Edgar Baldacchino *et vs* Joseph Bellizzi,

Appell, 10 ta' Awissu 1953, Kollez. Dec. Vol. XXXVII.I.519) illi hemm tliet xorta ta' digriet, ċjoè dawk definittivi u lanqas interlokutorji. Għall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digrieti appell dirett ma hemmx. Min irid jimpunja digriet li mhux interlokutorju jew definittiv jista' jimpunjah biss b'ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun emanat id-digriet, u mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' jkun hemm anke *appell*. *Ġie ritenut ukoll minn* dawn il-Qrati illi d-digriet fuq il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni żgur mhux definittiv u lanqas interlokutorju u kwindi huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li tkun emanatu fuq talba b'ċitazzjoni, salv id-dritt ta' l-appell mill-eventwali deċiżjoni fuq dik iċ-ċitazzjoni. L-istess prinċipji ġew ribaditi minn din il-Qorti fil-kawża Camilleri *vs* Bugeja *nomine,* 4 ta' Mejju 1973 f'kawża fejn il-premessi kellhom konnotazzjoni kostituzzjonali;

Isegwi għalhekk a bażi ta' l-imsemmija ġurisprudenza li l-eċċezzjoni fuq imsemmija tar-rikorrenti appellata Spiteri hija fondata;

Ma hemmx għalfejn jingħad li b'din id-deċiżjoni l-Qorti qiegħda tippronunzja ruħha biss fuq il-kwistjoni jekk l-appell preżenti hux irritu u null proċeduralment apparti u salv il-mertu *tal-ħruġ tiegħu u għalhekk id-drittijiet reċiproċi tal-kontendenti* jibqgħu impreġudikati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija ta' l-intimata appellata Spiteri u konsegwentement tiddikjara dan l-appell irritu u null, salv *si et quatenus* rimedji oħra talvolta spettanti lill-intimat appellant. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu mħallsa mill-appellant. Il-Qorti tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti

għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.